**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum Il-Hamis, 7 ta' April, 2016**

Numru 6

**Rikors 1189/2015**

**Fl-atti tar-Rikors Guramentat Nru. 342/2014MCH u wara l-Mandat ta' Inibizzjoni Nru. 609/2014 fl-ismijiet:**

**Management Support Services Limited**
**vs**
**JPM Brothers Limited**

**Il-Qorti**

Rat ir-rikors tas-socjeta konvenuta tal-15 ta' Dicembru 2015 ghall-impozizzjoni ta' garanzija fuq is-socjeta attrici ai termini tal-artikolu 838A tal-Kap. 12 biex taghmel tajjeb ghal hlas ta' penali, danni u imghax li qed u ghad tista' ssofri l-istess socjeta konvenuta wara li s-socjeta attrici ottjeniet il-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni kontra s-socjeta konvenuta bin-numru 609/2014;

Rat ir-risposta tas-socjeta attrici li opponiet ghal ghoti ta' din il-garanzija principalment peress li l-mandat inhareg ghax kien jidher fil-fehma tal-Qorti li s-socjeta attrici kellha jedd prima facie li kien jisthoqqlu jigi salvagwardat dan il-jedd.

Semghet lid-difensuri tal-partijiet u r-rikors thalla ghad-digriet.

**Ikkunsidrat**

Il-Qorti tinnota li din l-istess talba fuq premessi simili oltre talba ghal revoka gia saret mis-socjeta konvenuta fir-rikors 777/2014 liema talba giet michuda b'digriet ta' din il-Qorti kif preseduta fil-25 ta' Settembru 2014.

Minn dakinhar sad-data ta' dan id-digriet, ma ngiebet ebda prova da parti tas-socjeta konvenuta li fil-fehma tal-Qorti ghandu jwassal biex ibiddel il-fehma fuq dak konsidrat mill-Qorti fid-digriet tal-25 ta' Settembru 2014.

L-unika differenza li jista' jkollha rilevanza hi li mad-digriet qed tigi pronuncjata kontestwalment is-sentenza ta' din il-Qorti fuq il-mertu fejn jirrizulta illi s-socjeta attrici ghalkemm ghandha dritt ta' risarciment izda ghal ammont ferm inferjuri ghal dak pretiz.

Dan fil-fehma tal-Qorti ma jfissirx li nibtet awtomatikament causa gusta ghal impozizzjoni tal-garanzija. Hu minnu s-sentenza mhix wahda finali u jista' jkun hemm ezitu differenti naxxenti minn xi appell fil-futur pero s-sentenza fiha l-piz taghha li ma jistax jigi skartat ghalkemm id-dritt pretiz tas-socjeta attrici ghadu hemm li pero l-Qorti ta' prim istanza ddikjaratu eccessiv. Il-Qorti ghalhekk tqis illi f'dawn ic-cirkostanzi hemm bdil ta' cirkostanzi li jistghu jaghtu lok ta' impozizzjoni ta' garanzija bbazat biss fuq dak premess u mitlub, kemm-il darba il-mandat jibqa jkopri dak kollu kolpit bil-mandat.

Il-Qorti tqis illi l-causa gusta mhix necessarjament marbuta intrinsikament mal-hrug tal-mandat innifsu li jaccerta pretensjoni ta' dritt prima facie, izda minn fatti jew cirkostanzi ohra marbuta li jiggustifikaw l-ghoti ta' garanzija.

F'dan il-kaz il-Qorti tqis li hemm zewg ragunijiet li jgieghlu lil Qorti timponi l-garanzija. Dan jirrizulta mill-fatt illi s-sentenza tal-Qorti rriduciet il-pretensjoni tas-socjeta attrici b'mod konsiderevoli. Ghalkemm mhix sentenza finali pero fiha piz mhux traskurabbli meta tqis dak maqbud bil-mandat ta' inibizzjoni. Fit-tieni lok, stabbilit dan, dak inibit bil-mandat hu f'dan l-istadju eccessiv ghal dak kanonizzat minn din il-Qorti illum. Fl-istess waqt il-Qorti tqis illi kif sottomess mis-socjeta konvenuta, is-socjeta attrici ma

ghandhiex mezzi biex taghmel tajjeb ghal eventwali kawza ghal-penali u/jew danni li qed u tista' ssofri s-socjeta konvenuta mill-agir tas-socjeta attrici li tibqa' tinsisti fuq iz-zamma tal-mandat kif inhu u ghas-somma pretiza. Din is-sottomissjoni ma gietx kontradetta mill-kontroparti. Din il-Qorti mhix qed bl-ebda mod tqis li s-socjeta konvenuta ghandha xi dritt ghal penali jew danni pero l-azzjoni prospettata mis-socjeta konvenuta hi dejjem possibbli u mhix irrizorja jew kimerika. Mill-banda l-ohra jidher illi s-socjeta konvenuta wkoll qeghda f'pozizzjoni finanzjarja difficli nonostante l-proprjeta ta' valur li ghandha.

**Decide**

F'dawn ic-cirkostanzi prezenti s-sitwazzjoni ma tistax tigi injorata, u ghalhekk tqis li l-Qorti li quddiemha biss ghandha talba ghal impozizzjoni ta' garanzija ghandha timponi garanzija fuq is-socjeta attrici ta' €80,000 liema somma jew garanzija bankarja adegwata ghall-istess ammont ghandha tigi depozitata fil-Qorti entro xahar millum u fin-nuqqas il-mandat ta' inibizzjoni 609/2014 ikun awtomatikament revokat. Spejjez bla taxxa.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur